08/02/12

## MaltaPost to Launch a Dedicated Philatelic Website

MaltaPost is pleased to announce the launch, on Monday 13 February 2012, of a new website, *www.maltaphilately.com,* which will be completely dedicated to Malta stamps.

The site will cater primarily for local and international philatelists and collectors of Malta stamps and related products. However, it will also be of interest to anyone wanting to know more about Malta's history as commemorated through stamps and see the works of some of Malta's famous artists of the 20th century replicated as there will be an online catalogue with images of all stamps issued in Malta since 1860. The catalogue includes the technical details of all the stamps and can be easily searched by a variety of criteria.
The site will be updated with philatelic news and updates on forthcoming issues as well as enable subscribers to manage their philatelic account.

The website will also host an online shop with all stamp sets and related philatelic items issued from 2002 onwards.

The website is of a simple and clear design which allows visitors to navigate easily and find what they are looking for. This investment by MaltaPost will bring the world of Malta stamps to a wider audience, both locally and internationally.

Further information is available from the MaltaPost Philatelic Bureau on (+356) 2596 1740 or by email at *info@maltaphilately.com*.

## MaltaPost Tniedi Sit Elettroniku Dedikat għall-filatelija Maltija

MaltaPost se tniedi nhar it-Tnejn 13 ta' Frar 2012, is-sit elettroniku ġdid www.maltaphilately.com dedikat għall-bolli ta' Malta.

Is-sit hu mfassal għall-filatelisti Maltin u barranin u għal kull min iġemma' bolli ta' Malta u oġġetti oħra relatati. Is-sit għandu wkoll ikun ta' interess għal kull min irid isir jaf aktar dwar l-Istorja ta' Malta kif kommemorata permezz tal-bolli, u għal min irid jara x-xogħol ta' ftit mill-artisti famużi Maltin tas-Seklu 20 replikat fuq il-bolli. Dan se jkun possibbli għaliex se jkun hemm katalgu *online* bl-istampi kollha tal-bolli maħruġa f'Malta sa mill-1860. Il-katalgu jinkudli d-dettalji tekniċi tal-bolli kollha u wieħed jista' faċilment ifittixhom permezz ta' diversi kriterji.

Is-sit se jkun aġġornat b' tagħrif dwar il-filatelija u dwar ħarġiet ġodda kif ukoll jagħmilha possibli għall-abbonati biex jimmaniġjaw il-kont filateliku tagħhom.

Is-sit se jkollu wkoll ħanut *online* bis-settijiet kollha tal-bolli u oġġetti filateliċi oħra maħruġa mill-2002 'il quddiem. Is-sit għandu disinn sempliċi u ċar li jħalli lil min jużah jinnaviga b'mod faċli u jsib dak li jkun qed ifittex.

Dan l-investiment mill-MaltaPost se jwassal id-dinja tal-bolli Maltin lil udjenza usa', kemm lokalment kif ukoll barra minn Malta.

Aktar tagħrif jista' jinkiseb mill-MaltaPost Philatelic Bureau fuq (+356) 2596 1740 jew billi wieħed jibgħat email fuq info@maltaphilately.com.